# Il-Knisja Parrokkjali tal-Għargħur

Il-Knisja Parrokkjali tal-Għargħur bdiet tinbena fl-ewwel snin tas-seklu sittax (1612) probabbilment fuq id-disinn tal-arkitett Malti magħruf Tommaso Dingli li wkoll ppjanta il-Knejjes Parrokkjali ta' Attard (1613), Naxxar (1616), Żabbar (1641), Gudja (1656), Żebbuġ (1656) u Luqa (1656). Bħal dawn il-knejjes, il-knisja tal-Għargħur kienet imfassla fuq il-bażi ta' pjanta li għanda l-forma ta' salib Latin; dan riżultat dirett tal-politika tal-knisja kattolika stabilita fil-Konċilju ta' Trento (1545-1563) fejn l-Arċisqof ta' Milan S. Carlo Borromeo, stabilixxa regolamenti ta' kif għandhom jinbnew knejjes kattoliċi fl-Europa, fosthom li l-pjanta ta' knisja kellu jkollha l-forma ta' salib Latin u li, min ġewwa, materjali rikki kellhom jiġu wżati biex dawn joffru kuntrast lis-severita' kiesħa ta' knejjes protestanti fl-Europa ta' fuq.



Minnbarra l-aspetti tal-pjanta, wieħed jista' jara li l-knisja l-ġdida tal-Għargħur inbniet fuq stil tipikament Spanjol fejn il-pjanta ġiet tradotta fuq barra permezz ta' massa monumentali bbażata fuq koppla ċentrali u żewġ kampnari - l-evidenza turi li d-disinn tal-faċċata oriġinali ta' Dingli ġiet mibdula fis-seklu sbatax kif ġara f'ħafna knejjes Maltin fejn in-nies f'dawk iż-żminijiet riedu jintroduċu faċċati drammatiċi u skulturati fl-istil ġdid tal-Barokk Ruman. Għalhekk insibu li l-Knisja oriġinali ta' Dingli mfassla fuq sistemi ta' proporzjon Rinaximentali, ġiet trasformata permezz ta' faċċata ġdida fi knisja Barokka li tiddomina bil-ġmiel tagħha l-pjazza magħluqa tar-raħal tal-Għargħur u b'hekk tenfasiżża l'importanza tal-knisja fil-ħajja tan-nies tal-Għargħur ta' dak iż-żmien.

Meta wieħed jitkellem fuq il-knisja tal-Għargħur hija ħaġa mportanti li wieħed jifhem li l-idea li tqiegħed it-tempju t'Alla fin-nofs ta' pjazza li sa ftit żmien ilu kienet pjazza magħluqa mingħajr toroq wisgħin, ukoll kienet ħaġa li ssegwi prattika arkitettonika kontemporanja fl-Ewropa. Huwa fatt li l-arkitetti l-kbar tar-Rinaxximent Taljan fosthom Alberti, Leonardo u Bramante, kollha qalu li l-knisja kellha tkun imqegħda fin-nofs ta' pjazza sabiex tħares minn fejn tħares lejha l-għajn tal-bniedem tistà tapprezza l-ġmiel tagħha u, sussegwentement, il-kobor t'Alla. Dan it-tip ta' ħsieb Rinaxximentali jidher li mhux ftit influwnza l-Maltin tas-seklu sittax:dan għaliex insibu li r-relazzjoni sabiħa ta' knisja u pjazza fl-irħula Maltin tmur lura sa dak iż-żmien.

Il-Knisja Parrokkjali tal-Għargħur hija mportanti ħafna fl-istorja tal-arkitettura Maltija għax hija waħda mill-ewwel knejjes qodma li biddlu radikalment il-forma tal-raħal Malti li qabel kien biss jikkonsisti fi djar żgħar mibnijin fuq żewġ naħat ta' toroq dojoq mingħajr l-ebda direzzjoni u ċentru. Mingħajr il-knisja r-raħal Malti ma kellu ebda simbolu tal-kristjaneżimu - għahekk il-kontribut kbir ta' arkitetti bħal Dingli li bl-intervent tagħhom irnexxielhom jintroduċu simbolu ħaj tar-reliġjon kattolika li sussegwentement tant kellha nfluwenza fuq l-iżvilupp soċali u kulturali ta' dan il-pajjiż. Forsi l-iktar element qawwi ta' dan jinstab fil-forma dominanti tal-koppla li tikkaratteriżża l'arkitettura ta' Dingli. Il-koppla tal-knisja tal-Għargħur tidher prominenti ħafna kif wieħed ikun qiegħed jersaq lejn ir-raħal min-Naxxar, tal-Balal u l-Madliena - bħal koppli oħra li jinstabu fil-knejjes tal-arkitett Dingli wieħed jara li l-koppla tal-Għargħur hija sabiħa fis-sempliċita tagħha bbażata mhux fuq ornament iżda fuq forma ġeometrika preċiża u pura li toffri kuntrast għall-karattru kubiku tad-djar li nbnew madwar il-knisja flż-żminijiet differenti.

Perit Denis De Lucca